Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Kaz M.10660 – MONTAGU / HG / WAYSTONE / KB ASSOCIATES)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 218/10)

1. Fl-24 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Montagu Private Equity LLP ("Montagu", ir-Renju Unit),

— Hg Capital LLP ("Hg", ir-Renju Unit),

— Sigma Luxco 2 S.à r.l. (flimkien mas-sussidjarji tagħha "Waystone", l-Irlanda),

— King TopCo Limited (flimkien mas-sussidjarji tagħha "KB Associates", l-Irlanda).

Montagu u Hg se jakkwistaw kontroll bi sħab ta' Waystone (Tranżazzjoni1) u KB Associates (permezz ta' Waystone, Tranżazzjoni 2) fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Montagu hija kumpanija ta' ekwità privata u maniġer ta' fondi attivi madwar id-dinja;

— Hg hija kumpanija ta' ekwità privata attiva madwar id-dinja;

— Waystone hija fornitur ta' kumpanija maniġerjali ("ManCo") u servizzi anċillari ([2]), li tiffoka fuq is-settur tal-fondi ta' investiment Irlandiżi;

— KB Associates huwa fornitur ta' servizzi ta' konsulenza u ManCo, li jiffoka fuq is-settur tal-fondi ta' investiment.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10660 – MONTAGU / HG / WAYSTONE / KB ASSOCIATES

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

([2]) Is-servizzi tal-kumpanija maniġerjali jikkonsistu fl-iżgurar ta' (i) il-konformità regolatorja; (ii) il-ġestjoni tal-investiment; (iii) il-ġestjoni tar-riskju tal-investiment; (iv) ġestjoni tar-riskju operattiv; (v) il-ġestjoni tal-kapital u finanzjarja; u, (vi) id-distribuzzjoni.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË